Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2013

Numru 40/2011

**IL-PULIZIJA
(SPETTUR FRANK ANTHONY TABONE)**

**VS**

**JOSEF PACE ta' 24 sena iben Joseph u Theresa nee' Cauchi, mwieled Rabat, Ghawdex nhar l-5 ta' Lulju 1989 u residenti fil-fond In God We Trust, Triq l-Ghadira, Kercem, Ghawdex u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 29989(G)**

**Illum, 05 ta' Dicembru 2013**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Josef Pace fejn huwa gie akkuzat talli nhar it-2 ta' April 2011 gewwa n-Nadur, Ghawdex u fi bnadi ohra f' dawn il-gzejjer ta' Malta, f'hinijiet differenti:

1. b'eghmil zieni, ikkorrompa persuna taht l-eta' u cioe' – *omissis* - ta' 14-il sena (Art.203(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta).
2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'post pubbliku jew f'lok espost ghall-pubbliku. (Art. 209 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta).
3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement gieghel ghal skopijiet sesswali persuna taht l-eta' sabiex tippartecipa f'imgieba esplicitament sesswali vera jew stimulata jew wiri ta' organi sesswali liema reat sar meta l-persuna ta' taht l-eta' hija vulnerabbli fi hdan it-tifsira tal-artikolu 208AC(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. u aktar talli l-istess data, hin, lok u cirkustanzi ta fastidju lil – *omissis* - ta' 14-il sena b'mod li kien jaf u/jew messu kien jaf li kien ta' fastidju ghal imsemmija persuna. Art 251A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. u aktar talli sar recidiv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Ghawdex nhar it-23 ta' Jannar 2007 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula jew imhassra.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi.

Rat in-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-4 ta' Awwissu 2011.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'mod ewlieni bir-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni fuq il-persuna ta' – *omissis* - ta' erbatax-il sena u dana huwa rifless fin-nota ta' rinviju ta'l-Avukat Generali fejn l-ewwel artikolu tal-ligi indikat huwa l-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali. Illi omm il-minuri u cioe' – *omissis* - tikkonferma l-kwerela taghha fix-xhieda moghtija fl-14 ta' April 2011, liema kwerela hija esebieta bhala Dokument FT3 in atti[1], u ghalhekk abbazi ta'l-istess kwerela tkomplew dawn il-proceduri penali fil-konfront ta'l-imputat. F'dan il-kaz billi l-allegata vittma hija minorenni, kwindi il-kwerela ta' wiehed mill-genituri hija necessarja sabiex l-azzjoni titmexxa fil-konfront ta'l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi l-ligi li tirregola l-korruzzjoni tal-minuri hija ben inkwadrata fl-artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

"**Kull min, b'egħmil żieni, jikkorrompi persuna ta' taħt l-età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha**:"

Fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-Professur Mamo jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l-azzjoni penali. Fi kliemu ighid illi dana ir-reat: "*deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual.*" Kwindi l-ewwel element rikjest hija l-eta' tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioe' l-eghmil zieni. "*Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed*." Il-Professur Mamo ikompli "*this expression does not include mere words, or any picture, book or*

[1] Ara kwerela a fol.25

*representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilment be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence*". Isostni: "*To take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilment and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile*." Jiddeskrivi dawn l-atti bhala: "*inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual apetite*."

Fl-ahharnett it-tielet element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qabblux dwar il-fatt jekk minuri li diga huwa korrott jistax ikun soggett ghal koruzzjoni u kwindi jistax  jaqa' vittma ta' dana ir-reat, madanakollu il-qrati taghna dejjem sahhqu illi l-fatt illi minuri ikun diga gie soggett ghal korruzzjoni ma jeskludiex il-kummissjoni ta' dana r-reat fil-konfront tieghu. Ghal dak li jirrigwarda imbaghad il-*mens rea* rikjesta ghal kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni il-Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana ir-reat: "*The defilment whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile*."

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Il-**Pulizija versus Thomas Wiffen,** deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano ikkonfermat:
***Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts***

***of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.***
***'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'***

Ikkunsidrat,

Illi il-fattispecje ta' dana il-kaz huma piuttost semplici u mhux ikkontestati. Fil-jum inidkat fl-akkuza l-minuri – *omissis* - kienet miexja ma' habiba taghha vicin l-iskola tan-Nadur meta ftit 'il boghod minnhom kien hemm vettura ipparkeggjata li fiha kien hemm l-imputat. Hekk kif l-imputat lemah lil dawn iz-zewg tfajliet qed joqorbu lejh, huwa hareg il-parti privata tieghu u beda jimmasturba. Jidher illi l-imputat kien interessat fil-parti leza iktar milli fit-tfajla l-ohra li kienet qed takkompanjaha billi – *omissis* - stess issostni illi waqt li kien qed jaghmel dina l-azzjoni huwa kien qed ihares lejha. L-imputat stess jammetti dan fl-istqarrija rilaxxjata minnu fejn ighid illi din it-tfajla kienet gibbditlu l-attenzjoni tieghu. – *omissis* - tghid illi l-imputat beda jaghmel dawn il-mossi oxxeni hekk kif hija kienet wasslet biswit il-vettura tieghu. Tghid illi huwa kellu is-seat tal-vettura imnizzel lura u kellu it-twieqi miftuhin. Il-habiba taghha ma setatx tara ix-xena sew billi kienet miexja biswit –*omissis* - u ghalhekk iktar imbieghda mill-vettura. Wara dan jidher illi – *omissis* - u il-habiba taghha isseparaw u – *omissis* - baqghet miexja fit-triq wahedha fejn l-imputat baqa' isegwieha bil-vettura tieghu. – *omissis* - tghid illi hija bezghet u cemplet lil huha sabiex jigi ghaliha billi qaltlu li kien hemm ragel qed isegwieha. Nel frattemp irnexxielha tiehu in-numru tal-vettura tieghu liema

numru eventwalment ghaddietu lill-pulizija sabiex setghet tigi rintraccata l-persuna ta'l-imputat. Wara dan – *omissis* - flimkien ma' huha ghamlu rapport l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat, izda il-pulizija insistew, gustament, illi l-minuri tkun akkompanjata minn ommha u fil-fatt hekk sar meta – *omissis* - flimkien ma' bintha accedew l-ghassa tar-Rabat, Ghawdex fejn hemmhekk il-pulizija ghamlu kuntatt ma'l-imputat li nizel l-ghassa u beda jitlob skuza lil dina it-tfajla u lil ommha. Billi l-minuri ma kenitx gharrfet lil ommha b'dak kollu li kien sehh, l-omm ma insistietx illi l-pulizija jiehdu passi kontra l-imputat f'dak l-istadju, izda lura id-dar l-minuri qalet lil ommha illi l-imputat kien ipprova jittantaha meta hareg il-parti privata tieghu u hawnhekk wara li – *omissis* - hadet parir minn ghand is-sindku tan-Nadur Miriam Portelli, iddecidiet taghmel kuntatt mal-Ispettur Tabone sabiex dana jiehu passi kriminali kontra l-imputat.

L-imputat, ghalhekk abbazi ta' dina l-kwerela, jigi arrestat u interrogat.[2] Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jammetti dak illi kien ghamel. Ighid hekk:
"Nghid illi l-parti privata tieghi hrigtha x'hin dawn it-tfajliet kienu qed joqorbu lejja." …
"Nghid li hrigt il-parti tieghi biex noqghod ingerrieh ghat-tfajliet li rajt gejjin."
L-imputat jammetti ukoll li baqa' isewgi lil – *omissis* -, izda ighid illi ghamel dan mhux b'intenzjoni hazina, izda ghaliex xtaq jitlobha skuza billi induna li kien zbalja b'dak li ghamel.

Illi stabbiliti dawn il-fatti il-Qorti trid tistharreg jekk jissussitux l-elementi legali ghal sejbien ta' htija ghar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni. Ma hemmx dubbju illi l-vittma ta' dana ir-reat kienet minuri. Dana il-fatt mhux ikkontestat. Di piu gie esebiet certifikat tat-twelid taghha li juri dana il-fatt.[3]

Illi fit-tieni lok, l-Qorti trid tistabbilixxi jekk l-agir ta'l-imputat fil-konfront tal-minuri kienx jammonta ghall-eghmil zieni kif trid il-ligi. Illi mix-xhieda tal-minuri jidher illi qatt ma kien

[2] Ara stqarrija imputat Dokument FT1 a fol.21
[3] Ara certifikat tat-twelid Dok. FT5 a fol.84

hemm xi forma ta' kuntatt la fiziku u wisq anqas sesswali bejnha u bejn l-imputat. Tghid illi l-imputat qaghad ihares lejha filwaqt li kien qieghed jimmasturba. Fl-ebda hin ma hareg mill-vettura tieghu, fl-ebda hin ma kellimha, fl-ebda hin ma gie stabbilit xi forma ta' kuntatt bejniethom la dirett u lanqas indirett. Qatt ma kienu iltaqghu qabel, il-minuri ma kenitx tafu lill-imputat u qatt ma kellmitu. Ghalkemm jidher illi huwa segwieha ghal parti mit-triq, madanakollu ma hijiex cara x'kienet l-intenzjoni tieghu ghaliex ghamel dan. L-imputat dejjem baqa' fil-vettura anke sussegwentement meta saq ghal wara – *omissis* - u fl-ebda hin ma ipprova javvicinaha jew ikellimha. Illi l-Qorti hija tal-fehma illi ghalkemm l-agir ta'l-imputat kien wiehed deplorevoli u immorali, madanakollu ma jammontax ghall-eghmil zieni kif trid il-ligi. Illi l-agir ta'l-imputat kien tali li wassal ghall-eccitament sesswali kemm tieghu, izda mhux ukoll dak tal-minuri. Dawn l-atti jitqiesu bhala l-ewwel pass li seta iwassal ghat-twettieq tal-eghmil zieni li trid il-ligi fil-kummissjoni tar-reat in dizamina. Illi x'wassal lill-imputat sabiex jaghmel dawn l-atti oxxeni u indecenti fil-pubbliku ma hux car. L-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard li segwiet lill-imputat tul dan l-*iter* processwali tghid illi dan seta' kien kagun ta' *stress* li kien ghaddej minnu l-imputat kombinat mal-fatt illi l-imputat jidher illi huwa bniedem introvert u misthi. Ghalkemm isiru allegazzjonijiet fl-atti illi dan ma kienx xi episodju izolat, madanakollu ma hemm l-ebda prova konkreta illi dan kien il-kaz. Illi l-imputat attenda zewg sessjonijiet ghand il-psikjatra sesswologu Dr. John Mifsud u qed jattendi ghal sessjonijiet ukoll ghand il-psikoterapista Dr. Paul Sammut sabiex jindirizza dawn il-problemi fl-imgieba tieghu fejn jidher illi dan l-istress u inibizzjonijiet illi ghandu jimmanifestaw rwiehom f'agir sesswali mhux konformi man-norma. Ghaldaqstant l-estremi legali rikjesti sabiex jissusisti ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 203 ma jirrizultawx f'dana il-kaz.

Illi ghalkemm l-Avukat Generali ma jindikax ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 203A tal-Kodici Kriminali fin-nota ta'rinviju ghal gudizzju, madanakollu il-Qorti tqies illi dan ir-reat huwa reat minuri ghar-reat tal-korruzzjoni tal-minorreni u kwindi tista' tinsab htija alternattivament ghar-reat ewlieni indikat fl-artikolu 203. Fil-fatt fid-dibattiti

parlamentari li wasslu ghat-twelid ta’ dana ir-reat il-legislatur stqarr hekk:
***...Fi kliem iehor, <u>hawnhekk qed nestendu r-reat</u> billi qed nghidu li mhux biss b' eghmil zieni imma anki b' ghemil iehor tkun qed tohloq, tghin jew tiffacilita l-korruzzjoni ta' persuna taht l-eta.'***

Dina id-disposizzjoni tal-ligi titkellem dwar l-istigazzjoni ghal korruzzjoni ta’ minuri:

“**Kull min, b’xi mezz barra minn dak imsemmi fl-artikolu 203(1), jeċċita, jgħin jew jiffaċilita l-korruzzjoni ta’ persuna ta’ taħt l-età tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn sentejn …**”

Hawnhekk il-ligi ma titkellimx iktar fuq l-eghmil zieni, izda fuq l-eccitament, l-ghajnuna jew il-facilitizazzjoni tal-korruzzjoni tal-minuri. Illi is-sentenza Il-Pulizija vs Carmelo Sant studjat *funditus* dana ir-reat li gie introdott fid-dritt penali taghna fl-2002. il-Qorti qalet hekk dwar dan ir-reat:
***Jidher car li l-ghan tal-legislatur kien li bl-introduzzjoni ta' dan l-artikolu gdid jikkolpixxi kull att li <u>ghalkemm ma jsirx fuq il-persuna tal-minuri</u> jista' jwassal biex din tigi eccitata jew biex jghin u jiffacilita' l-korruzzjoni <u>tal-istess persuna taht l-eta'</u>.....***

Il-Qorti kompliet:
***Pero' din il-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti li l-att ta' masturbazzjoni maskili quddiem tfajla ta' erbghatax il-sena kien att li - ghalkemm mhux kommess fuq il-persuna tat-tfajla fis-sens li ma kienx hemm kuntatt fiziku maghha - zgur kien intiz biex jistiga, jghin jew jiffacilita' l-korruzzjoni taghha w cioe' att li jaqa' bla dubju ta' xejn entro l-interpretazzjoni li, skond il-legislatur, ghandha tinghata lil dan l-artikolu relativament gdid 203A indikat mill-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tieghu.***

L-Qorti ghalhekk meta tigi biex tistharreg il-kummissjoni ta’ dana ir-reat, trid tara jekk l-mod kif l-imputat agixxa, l-azzjonijiet li ghamel diretti, kif jammetti hu stess, lejn il-

minuri kienux intenzjonati sabiex jeccitaw lill-minuri sesswalment kif mahsub fl- Artiklu 203A Kap 9. Illi ma hemmx dubbju illi l-imputat ikkommetta l-azzjonijiet sesswali bl-intenzjoni li jattira l-attenzjoni ta’ dina it-tfajla minorenni. Huwa stess ighid illi waqqaf il-vettura tieghu meta ra il-minuri *ghax iffanzjajt lil dik it-tfajla*.[4] Illi allura huwa beda juri ix-xewqat tieghu lil dina it-tfajla bl-intenzjoni li ihajjarha sesswalment lejh. Dina l-imgieba taqa’ taht dak mahsub mill-legislatur fl-artikolu 203A u kwindi ser tinsab htija ghal dana ir-reat minuri ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 203.

Ikkunsidrat,

Illi l-imputat qed jigi akkuzat ukoll bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 209 tal-Kapitolu 9 u cioe’ l-offiza ghal pudur jew ghall-morali maghmul f’post pubbliku. Illi fil-kors tat-trattazzjoni orali tal-abbli difensur ta’l-imputat jidher illi dina l-akkuza qed tigi ammessa. Fi kwalunkwe kaz, kif diga inghad, l-imputat ma ikkontestatx il-fattispecje ta’ dana il-kaz u anke huwa stess jammetti fl-istqarrija tieghu illi ikkometta l-att tal-masturbazzjoni fil-karozza tieghu fi triq pubblika. Kwindi dina l-akkuza tirrizulta ippruvata.

Illi, madanakollu, l-artikoli 204D(c) bl-aggravanti tieghu ikkontemplat fl-artikolu 208AC(1)(b)(2)(a) indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju tieghu ma jittalljawx mal-fatti ta’ dan il-kaz. Hawnhekk ukoll il-legislatur introduca reat gdid fid-dritt penali sabiex jinkludi l-effetti negattivi li gabet maghha il-migja tat-teknologija f’dan is-seklu u cioe’ l-introduzzjoni tal-pornografija u wiri ta’ ritratti indicenti u xbihat indicenti lill-minuri. Illi dina id-disposizzjoni tal-ligi ghalhekk ma ghandha xejn x’taqsam ma’ dana il-kaz u l-imputat ser jigi illiberat minnha.

Finalment l-Avukat Generali jaddebita ir-reat tal-hekk imsejjah „*harassment*“ lill-imputat u dana minhabba l-eghmil tieghu fejn wara li ikkometta l-att indicenti fil-pubbliku, baqa’ isegwi lill-minuri ghal certu hin. Il-ligi tiddisponi:

[4] Stqarrija a fol.22

(1) Persuna li iggib ruhha:
(a) b'mod li taghti fastidju lil persuna ohra,
(2) Ghall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qeghda iggib ruhha b'mod dubjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragonevoli jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra.

Il-ligi issemmi zewg cirkostanzi u cioe' dik fejn l-azzjoni tkun kjarament wahda ta' fastidju u cirkostanzi ohra fejn il-persuna li tkun qed taghmel l-azzjoni imissha ragjonevolment tkun taf illi dik l-azzjoni minnha maghmula tkun qed tohloq fastidju lil persuna ohra. Ovvjament dana il-fastidju irid ikun sehh f'iktar minn okkazzjoni wahda ghaliex il-ligi tuza il-kelma 'imgieba' li fil-gurisprudenza nostrana giet interpretata li tfisser '***a course of conduct***'[5]

Illi id-difiza targumenta illi l-incident mertu tal-kawza kien incident wiehed u uniku u li qatt ma jista' jigi interpretat bhala *a course of conduct*. Il-prosekuzzjoni u il-parte civile minn naha taghhom isostnu illi l-fatt illi wara li sehh l-att kriminuz, l-imputat baqa isegwi lill-minuri, certament jammonta ghal imgieba ta' fastidju kif definita fil-ligi. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-argument ghaliex quddiemha ghandha episodju wiehed. Li kieku l-imputat, l-ghada jew f'xi gurnata sussegwenti rega' segwa lill-minuri allura, iva, f'dik ic-cirkostanza, kien ikun hemm ir-reat ikkontemplat l-artikolu 251A.

Fi kliem l-awturi ta' **Blackstone's Criminal Practice, 2008** :
**"The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. …"[6]**

---

[5] Sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Raymond Parnis deciza mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali fl-24/04/2009
[6] Ibid

Illi ghalhekk kif hawn fuq spjegat, l-incident in dizamina kien wiehed kontinwu u il-Qorti qatt ma tista' tqies illi kien hemm zewg incidenti differenti li sehhew fi spazju ta' ftit minuti. Kwindi billi l-elementi legali necessarji sabiex isawwru dana ir-reat ma humeix sodisfatti, l-Qorti ser tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora r-rapport u ix-xhieda ta'l-Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard li sewgiet lill-imputat tul dan l-*iter* processwali u hadet hsieb tara illi l-imputat jircevi dik l-ghajnuna kollha li ghandu bzonn biex jeghleb id-diffikultajiet li jezistu fl-imgieba tieghu. L-imputat jidher illi illum ghandu hajja stabbli, huwa mizzewweg u anke sar missier. Il-Qorti xorta wahda hija tal-fehma illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dana il-kaz piena karcerarja effettiva ma hijiex idonja. Madanakollu ghad hemm hafna xoghol x'isir ma'l-imputat u dana sabiex terapewtikament huwa ikun stabbli u kwindi l-Qorti ser tara illi huwa jibqa' jircevi il-kura li ghandu bzonn sabiex dana l-incident ma jergax jirripeti ruhu. Il-Qorti taghmilha cara ma'l-imputat, izda, illi jekk huwa jonqos milli jobdi l-ordnijiet li ser jinghataw fil-konfront tieghu, hija mhijiex ser tkun iktar klementi mieghu. Illi ghalkemm fl-akkuza hemm indikat illi l-imputat huwa recidiv, madanakollu id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 ma gewx indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tieghu ghal gudizzju u ghalhekk l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 203A, 209, u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel, it-tielet u ir-raba akkuzi, issibu hati tal-kumplament ta'l-akkuzi, u tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 203A tal-Kapitolu 9, u tikkundannah ghal piena ta' tmintax-il xahar prigunerija, li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana il-perijodu ta'prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien tlett snin mil-lum.

Inoltre wara li rat l-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lil hati taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tlett snin mil-lum u dana taht is-supervizjoni tal-

Ufficjal tal-Probation Carmen Nygaard. L-imputat ghandu jara illi jattendi is-sezzjonijiet ghand il-psikoterapista Dr. Paul Sammut.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv tas-sentenza jew jekk huwa jonqos milli jobdi l-Ordni ta' Supervizjoni imposta fuqu b'din is-sentenza.

Finalment wara li rat l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna il-hrug ta' ordni ta'protezzjoni fil-konfront ta'l-minuri – *omissis* - u il-familja taghha b'dana illi l-hati qed jigi ipprojbit milli jikkomunika jew javvicina lill-istess minuri u l-familja taghha u dana ghal zmien tlett snin mil-lum.

Wara li rat l-artikolu 3 tal-Att XXIII tal-2011 u cioe' l-Att dwar Registrazzjoni ghal Protezzjoni tal-Minuri, qieghda tordna notifika ta' dina s-sentenza lir-Registratur Qrati Civili u Tribunali sabiex jiehu hsieb ir-registrazzjoni tal-hati skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------